**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Pulizija**
**(SpetturLara Butters)**

**vs**

**Radhwan Mohammed Ali Ashnaynah**

**Illum 7 ta' Novembru 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 8705/2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Radhwan Mohammed Ali Ashnaynah, ta' 39 il-sena, iben Mohammed u Zarah mwieled Tripoli, Libya nhar l- 24 ta' Novembru, 1984, prezentament bla residenza u detentur numru tal- puluzija 23CA-072 huwa akkuzat;

1. Talli fis- 06 ta' Novembru, 2023 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

2. Kellhu f'idu Passaport, maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tajtu prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)'

5. Kif ukoll talli nhar 04 ta' Novembru, 2023 gewwa Swieqi u jew f'lokalitajiet f'Malta;

6. Ikkommetta serq ta' Karta tal-identia Maltija kif ukoll Licenzja Nawtika Maltija, ghad-detriment ta' Alessio Grech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0514091M u jew ta' persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Art 284 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli sirt recediv ai' termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li koont ikkundannat ghal reati b'sentenzi i saru definittivi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti

jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatghu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsi t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Leontine Calleja li l-Qorti ghadda sabiex jaghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-***Pulizija vs Maurice Agius*** dik il-Qorti qalet hekk:

Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'

prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

**Il-Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Liġijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il-pajjiż ġew miksura f'dan il-każ. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati saru ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux aċċettabbli li persuni jkomplu jidħlu jew johorgu fit-territorju nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti u dawk barranin.**

**Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-każ, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiż. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluż dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.**

**L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali fenomenu t' immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.**

**DECIDE**

Li wara li rat l-Artikoli 284, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat Radhwan Mohammed Ali Ashnaynah, fuq l-ammissjoni tiegħu stess ħati tal- imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal- fatt li l-imputat Radhwan Mohammed Ali Ashnaynah ammetta fl-aktar stadju bikri.

Għalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundanah għal perijodu ta' tmien xhur priġunerija.

____________________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Maġistrat**

____________________________

**Ylenia Spiteri**

**Deputat Reġistratur**